MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 1649/1998/1

**Ajaca Fishing Co Ltd u Andrew Zammit**

**vs**

**Robert Zaffarese**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:

Illi s-socjeta’ attrici hija proprjetarja tal-lancja ‘Ajaca’, liema lancja hija mikrija li1-attur Zammit;

Illi nhar il-Hadd 26 ta' Lulju, 1998, il-konvenut abbusivament tela' fuq il-lancja li kienet marbuta mal-moll, sgassa u seraq kwantita ta' affarijiet appartenenti lis-socjeta' attrici

Illi fil-kors tas-serqa, il-konvenut ghamel kwantita ta' hsara fuq il-lancja;

Illi sakemm tigi rrangata l-hsara kagunata fuq il-lancja, il-lancja ma tistax tintuza ghas sajd b'rizultat illi l-attur Zammit qed jitlef introjtu;

Illi ghallkemm interpellat jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kagunati fuq il-lancja, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenut kien responsabbli ghas-serq ta' kwantita' ta' affarijiet apparteneti lis-socjeta' attrici minn fuq il-lancja 'Ajaca', liema serqa sehhet fis-26 ta' Lulju 1998 u ta' hsara u danni fuq l-istess lancja;

2. tillikwida d-danni kagunati lill-atturi, b'rizultat tas-serq tal-oggetti minn fuq il-lancja, tal-hsara kagunati fuq il-lancja fil-kors tas-serqa;

3. tikkudanna lill-konvenut ihallas lill-atturi separatament u rispettivament dawk id-danni li jigu hekk likwidati;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tac-citazjoni kontra l-konvenut li gie ngunt in subizjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi l-konvenut ma kienx nvolut fis-serqa ii allegatament sehhet

fis-26 ta' Lulju 1998 u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mill-atturi mhux dovut peress li d-dghajsa indikata fic-citazzjom kienet maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana minhabba attivitajiet illegali u ghalhekk tinfluenza l-*causa* ta' din il-kawza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-konvenut ma ghandux jigi ikkundannat ihallas ebda danni soffeti mill-atturi minhabba non uso tad-dghajsa indikata minhabba li din id-dghajsa fil-fatt ma setghetx tigi uzatat minhabba li kienet maqbuda mill-awtoritajiet kompetenti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfemata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet lill-attur Andrew Zammit u lix-xhieda prodotti mill-atturi;

Rat l-affidavit tal-konvenut;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-konvenut;

Semghet lill-konvenut in kontro-ezami;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tal-konvenut;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-atturi ppremettu li s-socjeta' attrici hi proprjetarja tal-lancja 'Ajaca', liema lancja hi mikrija lill-attur l-iehor Zammit. Jippremettu ukoll li fis-26 ta' Lulju 1998 il-konvenut abbusivament tela' fuq l-imsemmija lancja, sgassa u seraq xi oggeti appartenenti lis-socjeta' attrici. L-atturi jkomplu jippremettu fil-kors tas-serqa l-konvenut ikkawza hsara fuq il-lancja u li sakemm tigi

rrangata din il-hsara l-lancja ma tistax tintuza ghas-sajd a detriment tal-attur Zammit li b’hekk qed jitlef introjtu. Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-konvenut kien responsabbli ghas-serq ta’ kwantita’ ta’ affarijiet appartenenti lis-socjeta’ attrici minn fuq l-imsemmija lancja u responsabbli ukoll ghal hsara u danni fuq l-istess lancja. L-atturi qed jitolbu li jigu likwidati dawn id-danni u li l-konvenut jigi kundannat ihallas lill-atturi separatament dawk id-danni li jigu hekk likwidati;

Il-konvenut qed jeccepixxi li huwa ma kienx nvolut fis-serqa imsemmja mill-atturi. Jeccepixxi ukoll li l-ammont mitlub mill-atturi mhux dovut peress li d-dghajsa kienet maqbuda mill-awtorita’ kompetenti minhabba attivitajiet illegali u kwindi tinfluenza l-*causa* ta’ din il-kawza. Finalment jeccepixxi li huwa m’ghandux jigi ikkundannat ihallas danni minhabba non uso tad-dghajsa li ma setghetx tigi uzata minhabba li kienet maqbuda mill-awtoritajiet kompetenti;

Jirrizulta li l-konvenut kien instab hati mill-Qorti Kriminali tas-serqa in kwestjoni. Hu ben risaput li l-proceduri kriminali u dawk civili huma zewg azzjonijiet separati u distinti. Mill-kumpless ta’ provi prodotti, pero’, jirrizulta sufficjentement li l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli tas-serqa in kwestjoni. In effett il-konvenut stess jammetti li huwa tela fuq id-dghajsa Ajaca u li minn hemm seraq xi affarijiet pero’ dawn l-affarijiet huwa remihom il-bahar. Jirrizulta li l-apparat ta’ navigazzjoni li ttiehed minn fuq id-dghajsa kien jinkludi auto-pilot u plotter li gew valutati rispettivament Lm450 u Lm2500. Dawn il-valutazzjonijiet fl-ewwel lok ma gewx kontestati mill-konvenut u fit-tieni lok, tenut kont tac-cirkostanzi kollha prevalenti u taz-zmien in kwestjoni, l-istess valutazzjonijiet jidhru li huma ragjonevoli;

Ghar-rigward tar-responsabbilta’ tal-konvenut ghall-allegata hsara li saret fuq il-lancja ghandu jinghad li l-attur Zammit isostni li fil-kors tas-serqa saret hsara fuq id-dghajsa. Fir-rapport tieghu lill-pulizija, pero’, jirrizulta li l-istess attur kien qal li il-persuna li dahlet biex tisraq kull ma ghamlet kien li qatghet il-habel tal-istess dghajsa. In

effett l-atturi ma pprovawx li saret hsara ulterjuri fil-kors tas-serqa;

Inoltre l-attur Zammit qed jallega li l-konvenut hu ukoll responsabbli ghat-telf ta’ introjtu da parti ta’ l-istess attur peress li l-lancja ma setghetx tintuza ghas-sajd u minhabba li l-oggetti misruqa gew neqsin u dawn huma essenzjali ghall-attivita’ tas-sajd;

F’dan ir-rigward jirrizulta li d-dghajsa in kwestjoni kienet maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana u dana minhabba attivitajiet illegali. Ghalhekk id-dghajsa effettivament ma setghetx tintuza ghas-sajd u dan irrispettivament jekk kellha jew ma kelliex l-istrumenti li huma essenzjali ghas-sajd. Dan jirrizulta ukoll minn-Nota ta’ Qbid datata 10 ta’ Awwissu 1994. In effett jirrizulta ukoll li eventwalment il-lancja inbieghet minn tad-Dwana u sakemm hekk inbieghet baqghet dejjem mizmuma minn tad-Dwana;

Xhud ikkonferma li fil-kors tal-imsemmija proceduri kriminali nghatat l-awtorizzazzjoni biex id-dghajsa tintuza ghas-sajd. Ghalhekk jidher li kien hemm perjodu li fih id-dghajsa, ghalkemm fil-pussess tad-Dwana, setghet tintuza ghas-sajd. L-istess xhud pero’ ma setax jikkonferma meta gie irtirat il-permess sabiex id-dghajsa tintuza ghas-sajd u esatt wara li gew konkluzi l-proceduri kriminali jidher li d-dghajsa inbieghet taht l-awtorita’ tal-Qorti;

Ghalhekk rigward it-telf ta’ introjtu li qed jallega li garrab l-attur Zammit kawza ta’ din is-serqa, l-atturi ma ressqux provi li jistghu jigu ritenuti li huma kompleti u attendibbli. Ix-xhud li semma l-permess li nghata biex isir sajd ma xehedx dwar meta fil-fatt inghata dan il-permess u lanqas sakemm baqa fis-sehh. Huwa fil-fatt xehed li “ma nistax nikkonferma li din l-awtorizzazzjoni sabiex id-dghajsa tintuza ghas-sajd baqghetx issehh sakemm inghatat is-sentenza mill-Qorti ta’ l-Appell”;

Ghalhekk, fi kwalunkwe kaz, ma jista qatt jigi kalkolat it-telf ta’ introjtu u dana ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok ghaliex ma giex ippruvat kemm dam fis-sehh dan il-

permess wara is-serqa u fit-tieni lok ghaliex l-attur Zammit ma ressaq ebda prova dwar l-introjtu tieghu;

Minn dan kollu jista jinghad li ma giex ippruvat telf ta' introjtu kif allegat mill-attur Zammit;

Minn dak kollu li gie premess tirrizulta responsabbilta' da parti tal-konvenut ghas-serqa in kwestjoni. Jirrizulta ukoll li l-oggetti li nsterqu kienu jiswew b'kollox elfejn, disgha mija u hamsin lira (Lm2950) u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma lis-sid tad-dghajsa cioe' lis-socjeta attrici. Inoltre ma tirrizulta ebda responsabilita' da parti tal-konvenut ghall-allegata hsara u ghall-allegat telf ta' introjtu da parti ta' l-attur Zammit;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tiddikjara li l-konvenut kien responsabbli ghas-serq ta' kwantita' ta' affarijiet appartenenti lis-socjeta' attrici minn fuq il-lancja 'Ajaca', liema serqa sehhet fis-26 ta' Lulju 1998 u tillikwida d-danni kagunati b'rizultat tas-serq tal-oggetti minn fuq il-lancja fis-somma ta' elfejn, disgha mija u hamsin lira (Lm2950) u b'hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-istess somma ta' Lm2950 in linea ta' danni u dan bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju ghar-rigward tat-talbiet l-ohra kollha attrici stante li dawn ma jirrizultawx sufficjentement pruvati;

Spejjez kollha bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------